



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

8936/26

LIMITE

CORLX 443
CFSP/PESC 647
COEST 352
FIN 638

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi
minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/386/PESK¹.
- (2) Fir-Riżoluzzjoni ES-11/7 tagħha, adottata fl-24 ta' Frar 2025, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti reġgħet fakkret fil-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet rilevanti tagħha adottati b'rispons għall-aggressjoni kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari t-talba tagħha li l-Federazzjoni Russa tirtira minnufih, kompletament u mingħajr kundizzjonijiet il-forzi militari kollha tagħha mit-territorju tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment, u t-talba tagħha għal waqfien immedjat tal-ostilitajiet mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari ta' kwalunkwe attakk kontra persuni ċivili u oġġetti ċivili.
- (3) Sakemm l-azzjonijiet illegali mill-Federazzjoni Russa jkomplu jiksru r-regoli fundamentali tad-dritt internazzjonali, inkluż, b'mod partikolari, il-projbizzjoni fuq l-użu tal-forza minqaxa fl-Artikolu 2(4) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, jew tal-liġi umanitarja internazzjonali, huwa xieraq li jinżammu fis-seħħ il-miżuri kollha imposti mill-Unjoni.
- (4) Abbażi tar-rieżami tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, il-Kunsill jikkunsidra li l-miżuri restrittivi li jinsabu fiha jenħtieġ li jiġġeddu sat-23 ta' Ġunju 2027.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2014/386/oj>).

(5) Jenħtieġ, għalhekk, li d-Deċiżjoni 2014/386/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2014/386/PESK, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-23 ta' Ġunju 2027.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill

Il-President